# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 535

Il-Ħamis, 30 ta' Settembru, 2021

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Alvin Grech – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

George Refalo – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-laqgħa.

## 535.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

535.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa(5p.m.) ta' filgħaxija. Intqalgħet it-talba tal-bidu. Wara d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija mibgħuta mingħand is-Sur Horace Vella, is-Sur Frankie Attard u s-Sinjorina Abigail Micallef u l-Membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji rispettivi.

## 535.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

535.2.1 Inqraw il-minuti tal-Laqgħa preċendenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 535.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

535.3.1 Is-Sindku ta merħba lill-Membri preżenti filwaqt li rringrazzjahom talli attendew għal-Laqgħa li nżammet mal-Ministru għal Għawdex, l-Onorevoli Clint Camilleri, nhar it-Tlieta, 31 ta' Awwissu, 2021, kif ukoll tal-kontribut li taw sabiex tittranġa triq alternattiva minn fejn għandhom jibdew jgħaddu t-trakkijiet sabiex ma jibqgħux jgħaddu mill-qalba tal-Lokalità.

Filwaqt li l-Kunsillier Alvin Grech ġie mistieden jagħti aktar dettalji dwar din il-proposta fejn ġie suġġerit ukoll it-twaħħil ta' *CCTV Cameras* f'postijiet strateġiċi u li jkunu moniterati mil-LESA sabiex jingħataw ċitazzjonijiet lil kull min ma josservax il-liġi, is-Sindku fakkar ukoll li l-Perit Deborah Busuttil ġiet mitluba tħejji rapport dwar il-qagħda tat-triq alternattiva proposta, kif ukoll semma' li hekk kif jitħejja dan ir-rapport, il-Kunsill għandu jitlob laqgħa oħra mal-Ministru sabiex jiġi diskuss pjan fit-tul bit-tama li din it-triq alternattiva tinfetaħ mill-aktar fis possibbli.

535.3.2 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li ntalbet Laqgħa ukoll mas-Supretendent tal-Pulizija tad-Distrett ta' Għawdex sabiex tiġi diskussa ukoll kemm din ir-rotta alternattiva kif ukoll problemi oħra fil-lokalità inkluż il-futur tal-Għassa tal-Pulizija li tinsab fiċ-Ċentru Ċiviku. Din il-laqgħa mistennija tinżamm fl-20 ta' Ottubru, 2021.

Ukoll,u b'rabta mal-istess materja, il-Kunsill kien irċieva *e-mail* Ċirkulari AKL 2021/097 mibgħuta ukoll mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali(AKL) u datata 28 ta' Settembru, 2021 fejn tavża li b'rabta mal-introduzzjoni tal-*Community*

*Policing* f'ċertu lokalitajiet ġewwa Malta u Għawdex, ser tinżamm sessjoni ta' diskussjoni mhar it-Tnejn, 18 ta' Ottubru, 2021 u li dawk interessati huma mistiedna jirreġistraw fil-link provduta – Il-Kunsill innota l-kontenut

535.3.3 B'rabta mas-Sejħa għall-*Community Officer – Steward*, is-Sindku għarraf lill-Kunsill li s-Sejħa hija bħalissa miftuħa mal-*Jobsplus* u li kollox jindika li r-rispons huwa wieħed tajjeb ħafna filwaqt li fakkar li l-Kunsill kien ħatar il-Bord tal-Għażla sabiex hekk kif tingħalaq is-Sejħa, jinżammu l-intervisti mal-applikanti eleġibbli sabiex jinħatar il-*Community Officer – Steward.*

Filwaqt li ġie rimarkat li l-Kunsill f'Lulju 2021 kien diġà ħatar il-Membri tal-Bord tal-Għażla li huma s-Sur Marcel Tabone Uffiċjal tal-*Jobsplus* kif ukoll lis-Sur Noel Formosa, Sindku ta' San Lawrenz, fil-każ ta' Dr Joshua Grech li kien vaża li kemm-il darba l-intervisti ma jinżammux sal-aħħar ta' Settembru ma xtaqx li jservi f'dan il-Bord, il-Kunsill ħatar lis-Sur Max Xuereb bħala Membri tal-Bord kif ukoll lis-Sur Oliver Farrugia bħala s-Segretarju tal-Bord.

535.3.4 Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera kollha li nhar is-Sibt, 9 ta' Ottubru, 2021 ser tinżamm l-Elezzjoni għall-Kumitat Eżekuttiv Amministrattiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli LokaliAKL) u l-Membri kollha tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem huma mitluba jivvutaw fl-Uffiċċju tal-Kunsill bejn id-9a.m. u l-11a.m. ta' filgħodu.

Is-Sindku semma' kif dakinhar l-Uffiċċju tal-Kunsill mhux ser ikun miftuħ għall-pubblika iżda biss għall-votazzjoni u li l-Assistant Kummissjonarju Elettorali fil-Kunsill Lokali Ta' Kerċem ser tkun Ms Monica Falzon, impjegata tal-Kunsill minħabba li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sur George Refalo, ma ħassux komdu jservi hu kif mitlub bil-liġi minħabba li huwa s-Segretarju tar-Reġjun Għawdex u votazzjoni minnhom hija proprju għall-President tar-Reġjun Għawdex.

535.3.5 Is-Sindku bi pjaċir għarraf lill-Membri preżenti li l-Kunsill Lokali Ta' Kerċem kien ipparteċipa għall-ewwel darba fil-25 Edizzjoni tal-Festival Internazzjoni tal-Bizzilla li jinżamm ta' kull sena fil-Belt ta' Lepoglava, il-Kroazja, billi dawk il-parteċpanti nisa mil-Lokalità ġew iffilmjati jaħdmu l-bizzilla ġewwa l-Pjazza ta' Santa Luċija minħabba li għall-Edizzjoni ta' din is-sena r-Reġjuni mistiedna ipparteċipaw b'mod virtwali, filwaqt li f'isem il-Kunsill Lokali ħass li għandu jirringrazzja lill-President tar-Reġjun Għawdex, Dr Samuel Azzopardi, ta' din l-opportunità unika filwaqt li stqarr li jittama li fil-futur delegazzjoni minn Ta' Kerċem tkun tista' tipparteċipa *in persona* filwaqt li tiġi esposta bizzilla unika tal-Lokalità matul dan il-Festival prestiġjuż.

535.3.6 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar e-mail mibgħuta mingħand l-Aġenzija LESA*(Local Enforcement System Agency)* fejn tħabbar li qiegħda terġa tinvesti lura fil-komunitajiet b'valur totali ta' tlett miljun ewro imqassma fuq tlett snin bil-għan li permezz ta' dawn il-fondi, ikunu jistgħu isiru proġetti, intiżi sabiex ikompli jiġu riġenerati l-lokalitajiet, b'riżultat tanġibbli, għall-ġid taċ-ċittadini u li

l-Applikazzjonijiet għal din it-tieni(2) Sejħa sottomessi minn dawk il-Kunsill Lokali interessati li jibbenefikaw minn dawn il-fondi, għandhom jasslu fl-Uffiċċju tal-Agenzija LESA, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 22 ta' Ottubru 2021.

Wara li nżammet diskussjoni qasira fejn tfakkar li l-ewwel applikazzjoni ma kinitx aċċettata, il-Kunsill qabel li għal din is-Sejħa għandu jiġi nkluż il-proġett tal-bankini fi Pjazza San Girgor li l-Ministeru għal Għawdex mhux ser jagħmel bħala parti mill-Proġett ta' *resurfacing* u li ġaladarba l-Kunsilli applikanti jistgħu jibbenefikaw sa massimu ta' tminin elf Ewro(€80,000) il-Kunsill għandu jinkludi ukoll *street furniture* li fost affarijiet oħra tinkludi *bollards, railings, bicycle racks* u *waste disposal recycling bins* f'ċertu żoni u fanali fuq stil antik iżda *energy saving non-light polluting street lighting* kumplimentari mal-ambjenti taċ-Ċentru Storiku tal-Lokalità.

535.3.7 Il-Kunsill kien irċieva *e-mail* u Ċirkulari 8/2021 mibgħuta u maħruġa mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datata 30 ta' Settembru 2021 dwar il-ftehim milħuq bjen l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Wasteserv sabiex isir *offsetting* tal-pagamenti dovuti kemm mill-Kunsilli Lokali lill-Wasteserv dwar *tipping fees* kif ukoll pagamenti li l-Wasteserv għandha dovut lill-Kunsilli Lokali għar-rimbors tas-servizz tal-ġbir tal-iskart organiku bil-għan li jiffaċilita ħafna l-ipproċessar ta' dawn il-pagamenti, filwaqt li tiġi spjegata l-proċedura li għandha tiġi osservata mill-Kunsilli Lokali kollha sabiex il-proċess ta' offsetting jaħdem tajjeb – Il-Kunsill innota l-kontenut.- Ir-Reġjun innota l-kontenut.

535.3.8 Relatat mal-istess materja, is-Sindku informa lill-Kunsill dwar *e-mail* u Ċirkulari mibgħuta u maħruġa mingħand il-*Green MT* u datata 7 ta' Settembru 2021 dwar proċeduri ġodda li qegħdin jaddattow fir-rigward tal-iskart reċiklabbli minħabba proċeduri ġodda kif introdotti mill-Wasteserv dwar skart imħallat (ikkontaminat) filwaqt li javżaw lill-Kunsilli Lokali dwar ħlasijiet ulterjuri.

B'rabta ma din, is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-istess *Green MT* kienet ukoll bagħtet il-fatturi lill-Kunsilli Lokali għall-ħlas ta' dan l-iskart imħallat(ikkontaminat) u li fuq struzzjonijiet mogħtija, il-Kunsill kien wieġeb lura li l-Kunsill m'għandu l-ebda obbligu li jħallas għal dan l-iskart, filwaqt li appellalhom sabiex jirrispettaw l-obbligi kuntrattwali tagħhom.

535.3.9 B'rabta mal-korsijiet *Life Long Learning*, is-Sindku għarraf lill-Kunsill li ġew avżati li dawn il-korsijiet kienu ser jibdew f'Ottubru, 2021 u li għaldaqstant,minħabba li fejn kienu soltu jinżammu dawn il-korsijiet illum ma jistax jintuża għax il-Berġa qiegħda tintuża mill-*Primary Health Care*, il-Kunsill kien qiegħed f'diskussjonijiet mal-Għaqda Mużikali San Girgor sabiex tinkera s-Sala tagħhom t'isfel għal dan il-Għan u li jittama li jintlaħaq ftehim magħhom. Il-kera mitluba hija ta' ħames mitt Ewro(€500) fix-xahar.

535.3.10 Fir-rigward tal-proposta preżentata mill-Kercem Ajax sabiex jitneħħew il-*planters* bit-tama li jkunu akkomodat l-i*specifications* obbligatorji għall-*outdoor gym*, is-Sindku għarraf lill-Kunsill li kollox jindika li l-Perit Busuttil ma sabitx xi oġġezzjoni partikulari għal din il-proposta tant li tista' titwettaq u li kemm-il darba ma hemmx problemi, il-Perit mistennija tissottometti l-applikazzjoni bl-emendi maqbula fil-ġranet li ġejjin.

535.3.11 Il-Kunsill kien irċieva *e-mail* Ċirkulari AKL 2021/084 mibgħuta mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali(AKL) u datata 6 ta' Settembru, 2021 fejn b'rabta mal-*Corporate Social Resonsibility Event* organizzata mill-AKL fi żmien il-Milied, minħabba l-pandemija ġie deċiż li b'differenza minn dak li kien isir fil-passat, sabiex ma jintbagħtux gruppi ta' volontiera fiżikament fid-Djar jew Istituti, kull Reġjun jinnomina organizazzjoni idealment li tkun topera mill-istess Reġjun sabiex imbagħad wara l-AKL flimkien mar-Reġjun rispettiv jiltaqgħu mal-organizazzjoni inominata sabiex jiġi definit xi bżonnijiet jista' jkollhom sabiex dawk kollha li jkunu jixtiequ jingħaqdu magħhom, jkunu jistgħu jiffinanzjaw uħud minn dawn it-talbiet - Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt irrimarka li din id-deċiżjoni għandha tittieħed mir-Reġjun Għawdex.

535.3.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* Ċirkulari AKL 2021/095 mibgħuta mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali(AKL) u datata 24 ta' Settembru, 2021 fejn jinforma lill-Kunsilli Lokali kollha li fil-ġimgħat li għaddew l-AKL iffirmat ftehim mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex jiġi ffaċilitat li Kunsilli Reġjonali/ Lokali li jkunu jistgħu jixtiequ li jagħmlu użu mis-servizz ta' tekniċi esperti kif ukoll ħaddiema assenjati mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, jkunu jistgħu jagħmlu dan, kif ukoll tavża li rikjesti għal xogħlijiet għandhom jintbagħtu direttament lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u tiġi kkupjata l-AKL - Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sur George Refalo, għarraf lill-Membri preżenti li r-Reġjun kien kiteb lill-President tal-AKL is-Sur Mario Fava fejn saqsa jekk dan il-ftehim jgħoddx biss għall-Kunsilli Lokali ta' Malta u jekk il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex humiex inklużi, kif ukoll li s-Sur Fava kien irrisponda lir-Reġjun li kien saqsa lill-Ministru konċernat dwar dan.

535.3.13 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar *e-mail* Ċirkulari AKL 2021/093 mibgħuta mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali(AKL) u datata 20 ta' Settembru, 2021 fejn tavża li b'rabta mal-Patt tas-Sindki ser jinżamm webinar nhar is-7 ta' Ottubru, 2021 u filwaqt li tħeġġeġ lis-Sindki jattendu, ġentilment titlobhom jirreġistraw fil-link provduta – Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li s-Sindku vaża li kien ser jattendi.

535.3.14 Il-Kunsill irċieva e-mail u Stedina mibgħuta mingħand l-Awtorità Reġjonali għall-Iżvilupp ta' Għawdex (GRDA) u datata 29 ta' Settembru, 2021 fejn tistieden lill-Membri kolla tar-Reġjun Għawdex għal-Laqgħa Pubblika dwar ir-Riforma

fl-Industrija tal-Bini u l-Kostruzzjoni mtella' mill-Awtorià Reġjonali għall-Iżvilupp ta' Għawdex(GRDA) bil-kollaborazzjoni tal-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni u li ser tinżamm nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Ottubru, 2021 fis-6.00p.m ta' filgħaxija ġewwa l-*Gozo Innovation Hub*, Triq l-Imġarr, ix-Xewkija – Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li s-Sindku vaża li kien ser jattendi ukoll.

535.3.15 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar *e-mail* u Komunikat mibgħuta mingħand *Transport Malta* u datati 22 ta' Settembru, 2021 fejn tavża ġaladarba ser jiftħu l-iskejjel, qiegħda tingħata d-Direttiva sabiex il-Kunsilli Lokali ma joħorġux permessi, relatati mar-Regolamenti dwar Attivitajiet li jinħtieġu permess mill-Kunsill Loakli(LS.441.04) u kull liġi oħra relatata, biex tingħalaq triq jew isiru interventi fi triq, mit-Tnejn sal-Ġimgħa bjen is-6.00 u d-9.30a.m.(esklużi festi pubbliċi u vaganzi tal-iskejjel) u li din d-direttiva daħlet fis-seħħ minn nhar it-Tnjen, 27 ta' Settembru,2021 - Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li s-Sindku għarraf lill-Membri li l-Kunsill kien diġà qiegħed josserva din id-direttiva.

535.3.16 Fl-aħħar u mhux l-inqas is-Sindku informa lill-Membri li l-Kunsill jinsab infurmat li r-raba'(4) u l-aħħar *tranche* mill-bqija tal-allokazzjoni ta' fondi mogħtija lill-Kunsilli Lokali mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għas-sena rikurrenti 2021 kienet mistennija li tingħata sa mhux aktar tard mit-8, ta' Ottubru, 2021 - Il-Kunsill innota l-kontenut.

## 535.4 Berġa tas-Saħħa

535.4.1 Is-Sindku  informa lill-Kunsill li l-Laqgħa mitluba mill-Kunsill mal-*Primary Health Care* kellha tinżamm b'mod remot dalgħodu biss minħabba ċirkustanzi urġenti din ġiet posposta għal nhar l-Erbgħa, 6 ta' Ottubru, 2021 wara nofsinhar. Il-Kunsill reġa nsista li ġaladarba qegħdin isiru t-talbiet għall-użu tal-kamra ta' barra tal-istess Berġa bħalma kienet tintuża qabel għal xi laqgħat, kemm-il darba minħabba esiġenzi nazzjonali relatati biss mal-pandemija Covid-19 il-*Primary Health Care* jinsistu li għandhom bżonnha bil-fors aktar sakemm tinfetaħ il-Berġa tal-Belt Victoria, il-Kunsill għandu jinsisti li jsir kuntratt li bih tkun determinata d-data definita sa meta ser tinżamm minnhom il-Berġa tal-Kunsill, kif ukoll jintalab ħlas li jkopri tal-inqas l-ispejjeż tal-kera li l-Kunsill ser ikun mistenni iħallas sabiex jikri sala oħra fil-viċin sabiex jinżammu fihom il-korisijiet tal-*Life long learning* li ssemmew aktar kmieni fil-Laqgħa.

## 535.5 Offerti maħruġa mill-Kunsill Lokali

535.5.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li b'rabta mal-aħħar Offerti li ppubblika l-Kunsill, dik tar-restawr tan-Niċċa tal-Madonna tal-Patri fi Triq Qasam San Pawl, ġiet evalwata u l-Bord qiegħed jirrakkomanda li minħabba li l-uniku offferent instab li hu

fil-parametri tal-baġit kif ukoll teknikament konformi din l-offerta għandha tingħata lis-Sur Stefano Sferrazzo għas-somma ta' €3,800 VAT eskluża.

535.5.2 Fir-rigward tal-Offerta għar-restawr tal-Għajn ta' Għajn Tutà, is-Sindku informa lill-Kunsill li sad-data tal-għeluq li kienet is-17 ta' Settembru, 2021, il-Kunsill kien irċieva offerta waħda li hija fil-parametri tal-baġit u għalhekk il-Kunsill qabel li din għandha tiġi evelwata mill-Bord ta' Evalwazzjoni li kien diġà maħtur.

535.5.3 Mill-banda l-oħra b'rabta mal-Offerta għall-ġnien/park ġewwa l-Għadira ta Sarrafflu, is-Sindku informa lill-Kunsill li sad-data tal-għeluq li kienet ukoll is-17 ta' Settembru, 2021, il-Kunsill kien irċieva offerta waħda li kienet tissupera l-baġit b'mod sostanzjali u għalhekk il-Kunsill qabel li din għandha tiġi kanċellata kif ukoll terġa' tiġi ppubbikata bit-tama li jinstab offerent li jkun fil-parametri tal-baġit kif ukoll teknikament konformi.

## 535.6 Symphony of Lights u Fjakkolata 2021

534.6.1 Is-Sindku qal li mid-diskussjonijiet li kellu kemm mal-Banda San Girgor dwar il-programm mużikali, kif ukoll mal-Kumitat tan-Nar ta' Santa Lucija kemm għall-għajnuna tagħhom waqt dawn l-attivitajiet u anke għall-Fjakkolata, kollox jindika li l-programm ta' attivitajiet ser ikun wieħed imżewwaq ħafna, kif ukoll semma' li saru l-permessi meħtieġa ukoll u li għadhom qegħdin nistennew l-approvazzjoni tal-Awtoritajiet kompetenti, kif ukoll b'dispjaċir semma' kif l-attività tal-*Pasta Night* kellha tiġi kkanċellata minħabba l-mewt ta' membru attiv minn Santa Luċija.

## 535.7 Attivitajiet Milied 2021

535.7.1 Is-Sindku qal li d-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għadu kif nieda Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021 bil-għan li tagħti l-opportunità lill-Kunsilli Lokali jorganizzaw program ta' attivitajiet f'dan il-perjodu li jservi ta' għodda sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jiċċelebraw dan iż-żmien kif xieraq.

535.7.2 Wara diskussjoni interessanti fejn ġie apprezzat il-fatt li din l-espressjoni ta' Interess tinkoraġġixxi l-involviment, il-parteċipazzjoni u s-sħubija inklussiva tar-residenti, negozji, kumpaniji, klabbs u NGOs lokali u oħrajn, il-Membri qabblu li bħala attivitajiet għandu jerġa' jinżamm il-*Christmas Market* ġewwa Pjazza Orvieto, nhar l-Erbgħa, 22 ta' Diċembru, 2021, fejn filwaqt li jingħata spazzju lill-bands lokali kif ukoll lill-Aljievi żgħar u promettenti tal-Banda tal-Lokalità, l-Għaqdiet volontarji u NGO's tal-Lokalità jkollhom opportunità fejn jesponu l-ħiliet u l-prodotti tagħhom filwaqt li jbiegħu ukoll il-prodotti magħmula minnhom bħala *fund raising activity*; kif

ukoll tiġi organizzata s-serata ta' kant tal-*Carols* ma' *Father Christmas* għat-tfal akkumpanjati mill-*Kercem Youth Choir* u t-tqassim tar-rigali u kant ta' *Carols* għall-anzjani u morda bit-trejn madwar il-Lokalità lejliet il-Milied.

535.7.3 Is-Sindku ppropona ukoll li jinżamm proġett ambjentali u ekoloġiku li jsebbaħ il-Lokalità mhux biss matul il-ġranet tal-Milied iżda ukoll matul is-sena kollha billi jinxtraw ħamsa u għoxrin(25) sigra ta' ċipress imħawwla ġewwa qsari apposta u li dawn jitpoġġew u jitqassmu mal-Lokalità kollha ta' Ta' Kerċem u Santa Luċija u jintramaw bħal Siġar tal-Milied u li wara l-Milied, dawn is-siġar jitneħħilhom it-tiżjin tal-Milied u jibqgħu fil-post fejn ikunu tpoġġew sabiex jitgawdew u biex iħaddru l-ambjent u t-toroq tal-Lokalità matul is-sena kollha.

535.7.4 Is-Sindku nforma ukoll lill-Kunsill dwar *e-mail* mibgħuta mill-Ministeru għal Għawdex u datata 2 ta' Settembru, 2021 fejn tistieden lill-Kunsilli Lokali u l-Għaqdiet kollha tal-Lokalità sabiex jibgħatu l-informazzjoni dwar l-inizjattivi u l-attivitajiet li ser jorganizzaw għal dan l-istaġun tal-Milied sabiex jiġu inklużi fil-programm ta' attivitajiet li l-Ministeru ser ikun qiegħed jippubblika sabiex jirreklamaw lil Għawdex bħala destinazzjoni unika għall-Festi tal-Milied u li l-Kunsill Lokali Ta' Kerċem ser ikun qiegħed jgħaddi din l-informazzjoni meta jirċievi risposta fovorevoli għal din l-applikazzjoni.

## 535.8 Ilmenti u Suġġerimenti

535.8.1 Is-Sindku informa lill-Membri li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand il-Kuntrattur Richard Cauchi sabiex jingħata *part-payment* ieħor b'rabta mal-ħlasijiet pendenti li għad għandu mal-Kunsill Lokali – Il-Kunsill qabel li jingħata part-payment ieħor skont kif rikjest.

535.8.2 Il-Kunsill irċieva talba sabiex jiġu nstallati *dog litter bins* qrib Ġnien il-Familja - Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt wara diskussjoni intressanti ġie deċiż li dawn ma jitwaħħlux għas-sempliċi fatt li l-litter bins eżistenti diġà qiegħed jintefa' fihom skart domestiku minn residenti rresponsabbli u li għaldaqstant, aktar bins jista' jwassal għal akar abbużi simili.

535.8.3 Il-Kunsill irċieva talba sabiex jinżebagħ mal-art *Keep Clear sign* quddiem taraġ ta' residenza fi Triq Franġisk u Roża Camilleri – Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt ġie deċiż li kemm-il darba l-art in kwistjoni hija pubblika, titressaq din l-istess talba lill-Awtoritajiet konċernati u kemm-il darba ma jkunx hemm oġġezzjoni, din it-talba tiġi aderita.

535.8.4 Il-Kunsill irċieva talba sabiex isir *patching* fi Triq San Girgor – Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li dawn ix-xogħolijiet ġew approvati.

535.8.5 Il-Kunsill irċieva talba sabiex titwaħħal camera ma' post fi Triq Qasam San Ġorġ – Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt ġie deċiż li din il-camera għandha titwaħħal bħala parti mill-moniteraġġ tat-trakkijiet li jgħaddu.

535.8.6 Il-Kunsill irċieva suġġeriment sabiex tinżamm Ħarġa għal Malta - Il-Kunsill innota l-konternut u qabel mal-proposta u ġie suġġerit li din tinżamm meta jinżamm il-Birgu by Night.

## 535.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

535.9.1 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 535.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

535.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45pm u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa, 5 ta' Novembru 2021 fil-5pm.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

George Refalo
Deputat Segretarju Eżekuttiv